

32004D0922

L 389/34

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

30.12.2004

## ID-DEĊIJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-29 ta' Diċembru 2004

**li temenda d-Deċiżjonijiet 2003/746/KE u 2003/848/KE fir-rigward tar-riallokazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja lil xi Stati Membri għall-programmi tagħhom tal-qedra u l-monitoraġġ ta' l-EST għall-2004**

**(innotifikata fid-dokument bin-numru K(2004) 5396**

**(2004/922/KE)**

### IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-qasam veterinarju (¹), u partikolarmen l-Artikoli 24 (5) u (6) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/746/KE ta' l-14 ta' Ottubru 2003 dwar il-lista ta' programmi għall-qedra u għall-monitoraġġ ta' ġertu ESTs li jikkwalifikaw għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità fl-2004 (²), telenka l-programmi ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri għall-monitoraġġ ta' l-enċefalopatiji spongiiformi trasmissibbli (EST) li jikkwalifikaw għall-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja fl-2004. Dik id-Deċiżjoni tistipula wkoll ir-rata proposta u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni għal kull programm.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/848/KE tat-28 ta' Novembru 2003 li tapprova l-programmi ta' qedra u monitoraġġ ta' l-EST ta' l-Istati Membri u ta' ċerti Stati Membri ta' l-Adeżżjoni għall-2004 u li tistabbilixxi l-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja (³), taprova l-programmi elenkti fid-Deċiżjoni 2003/746/KE u tistipula l-ammonti massimi għall-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja.
- (3) Id-Deċiżjoni 2003/848/KE tippreveedi rapporti dwar il-progress li għandhom jintbagħtu kull xahar mill-Istati Membri lill-Kummissjoni. Analiżi ta' dawn ir-rapporti wriet li xi uħud mill-Istati Membri mhumiex se jużaw l-allokazzjoni sħiħa għall-2004, filwaqt li oħrajn se jofn fuq aktar mill-ammont allokat.

(4) Il-kontribuzzjoni finanzjarja Komunitarja għal xi uħud minn dawn il-programmi għandha għalhekk tigħi aġġustata. Huwa xieraq illi jerġa' jiġi allokat il-finanzjament mill-programmi ta' l-Istati Membri li mhumiex qed jużaw l-allokazzjoni sħiħa tagħhom għal dawk tal-pajjiżi li qed jaqbżuha. L-allokazzjoni mill-ġdid trid tissejjes fuq l-aktar informazzjoni riċenti dwar in-nefqa reali ta' l-Istati Membri kkonċernati.

- (5) Id-Deċiżjoni 2003/746/KE u 2003/848/KE għand-hom għalhekk jiġu emendati skond dan.
- (6) Il-miżuri li hemm f'din id-Deċiżjoni huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

**ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:**

### Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2003/746/KE hija emendat skond l-Anness għal-din id-Deċiżjoni.

### Artikolu 2

Id-Deċiżjoni Nru 2003/848/KE hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 4(2), "EUR 745 000" tinbidel b"EUR 383 000";
2. Fl-Artikolu 6(2), "EUR 21 733 000" tinbidel b"EUR 24 735 000";
3. Fl-Artikolu 8(2), "EUR 6 283 000" tinbidel b"EUR 6 401 000";
4. Fl-Artikolu 10(2), "EUR 4 028 000" tinbidel b"EUR 4 346 000";
5. Fl-Artikolu 11(2), "EUR 1 675 000" tinbidel b"EUR 1 789 000";
6. Fl-Artikolu 12(2), "EUR 1 012 000" tinbidel b"EUR 1 177 000";
7. Fl-Artikolu 15(2), "EUR 7 726 000" tinbidel b"EUR 4 269 000";
8. Fl-Artikolu 17(2), "EUR 103 000" tinbidel b"EUR 159 000";
9. Fl-Artikolu 19(2), "EUR 353 000" tinbidel b"EUR 399 000";

(¹) ĠU L 224, tat-18.9.1990, p. 19. Id-Deċiżjoni kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KE) 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

(²) ĠU L 269, tal-21.10.2003, p. 24.

(³) ĠU L 322, tad-9.12.2003, p. 11.

10. Fl-Artikolu 21(2), "EUR 5 000" tinbidel b"EUR 1 000";
11. Fl-Artikolu 22(2), "EUR 755 000" tinbidel b"EUR 927 000";
12. Fl-Artikolu 24(2), "EUR 435 000" tinbidel b"EUR 573 000";
13. Fl-Artikolu 25(2), "EUR 1 160 000" tinbidel b"EUR 3 014 000";
14. Fl-Artikolu 26(2), "EUR 490 000" tinbidel b"EUR 1 006 000";
15. Fl-Artikolu 27(2), "EUR 3 210 000" tinbidel b"EUR 671 000";
16. Fl-Artikolu 28(2), "EUR 675 000" tinbidel b"EUR 704 000";
17. Fl-Artikolu 29(2), "EUR 30 000" tinbidel b"EUR 5 000";
18. Fl-Artikolu 30(2), "EUR 255 000" tinbidel b"EUR 275 000";
19. Fl-Artikolu 31(2), "EUR 5 000" tinbidel b"EUR 3 000";
20. Fl-Artikolu 32(2), "EUR 5 000" tinbidel b"EUR 34 000";
21. Fl-Artikolu 33(2), "EUR 7 460 000" tinbidel b"EUR 6 652 000";
22. Fl-Artikolu 34(2), "EUR 740 000" tinbidel b"EUR 1 360 000";

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fid-29 ta' Diċembru 2004.

*Għall-Kummissjoni  
Markos KYPRIANOU  
Membru tal-Kummissjoni*

---

## ANNESS

L-Anness I u II tad-Deċiżjoni 2003/746/KE jinbidlu b'dan li ġej:

## ANNESS I

**Lista ta' programmi għall-monitoraġġ ta' l-EST**  
**-Rata u Ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità-**

Marda	Stati Membri	Persentaġġ ta' xiri tal-kitts għat-testijiet	Ammont massimu (f' EUR)
EST	Il-Belġju	100 %	3 351 000
	Id-Danimarka	100 %	2 351 000
	Il-Ġermanja	100 %	15 611 000
	Il-Greċċa	100 %	383 000
	Spanja	100 %	4 854 000
	Franza	100 %	24 735 000
	L-Irlanda	100 %	5 386 000
	L-Italja	100 %	6 401 000
	Il-Lussemburgu	100 %	158 000
	L-Olanda	100 %	4 346 000
	L-Awstrija	100 %	1 789 000
	Il-Portugall	100 %	1 177 000
	Il-Finlandja	100 %	1 060 000
	L-Isvezja	100 %	358 000
	Ir-Renju Unit	100 %	4 269 000
	Ċipru	100 %	144 000
	L-Estonja	100 %	159 000
	Malta	100 %	37 000
	Is-Slovenja	100 %	399 000
Total			76 968 000

## ANNESS II

**Lista ta' programmi għall-qedra ta' l-iScrapie**  
**-Ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità-**

Marda	Stati Membri	Rata	Ammont massimu (f' EUR)
Scrapie	Id-Danimarka	50 % qtil (culling), 100 % ġenotipar	1 000
	Il-Ġermanja	50 % qtil, 100 % ġenotipar	450 000
	Il-Greċċa	50 % qtil, 100 % ġenotipar	927 000
	Spanja	50 % qtil, 100 % ġenotipar	573 000
	Franza	50 % qtil, 100 % ġenotipar	3 014 000
	L-Irlanda	50 % qtil, 100 % ġenotipar	1 006 000
	L-Italja	50 % qtil, 100 % ġenotipar	671 000
	L-Olanda	50 % qtil, 100 % ġenotipar	704 000
	L-Awstrija	50 % qtil, 100 % ġenotipar	5 000
	Il-Portugall	50 % qtil, 100 % ġenotipar	275 000
	Il-Finlandja	50 % qtil, 100 % ġenotipar	3 000
	L-Isvezja	50 % qtil, 100 % ġenotipar	34 000
	Ir-Renju Unit	50 % qtil, 100 % ġenotipar	6 652 000
	Ċipru	50 % qtil, 100 % ġenotipar	1 360 000
Total			15 675 000"